MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 766/2007

Jesmond Micallef (Id. 319666M).

Vs

Emanuel Mangion.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur ippremetta illi l-intimat huwa debitur tieghu fis-soma ta' elf, mija u hamsin lira Maltin (Lm1150.00) ekwivalenti ghal €2678.78 rapprezentanti bilanc ta' somma akbar bhala valur ta' xogholijiet relatati ma kostruzzjoni fil-fond 'Chris Brend', Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Kalkara; illi ghalkemm l-intimat gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas l-ammont dovut huwa baqa inadempjenti. Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-attur jitlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna l-konvenut ihallsu l-ammont ta' elf, mija u hamsin lira Maltin (Lm1150.00) ekwivalenti ghal €2678.78 rapprezentanti bilanc fuq dritt dovut ghas

servizzi rezi lilu.  Bl-ispejjes ta’ din il-kawza, kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali tal-31 ta’ Awissu 2007, u bl-interessi skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont rikjest mhuwiex dovut u dan kif ser jintwera fil-mori tal-kawza. Bl-ispejjes kontra l-attur ingunt ghas-subizzjoni.

Ra l-kontro talba tal-konvenut li ppremetta illi huwa kien qabbad l-attur sabiex jaghmel xoghol fir-residenza tieghu; illi dan ix-xoghol fil-fatt qatt ma gie kkompletat mill-attur; illi in oltre, l-attur ghamel diversi hsarat fl-imsemmi fond waqt li kien qed jaghmel ix-xoghol li ghalih kien tqabbad kif ser jintwera waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi dawn il-hsarat li garrab il-konvenut jammontaw ghal sitt mija u hamsin lira Maltin (Lm650), ekwivalenti ghal elf, hames mija u erbatax-il ewro u disa centezmi (€1,514.09). Ghaldaqstant l-attur qieghed jitlob li dan it-Tribunal joghgbu jikkundanna lill-attur ihallas is-somma ta’ sitt mija u hamsin lira Maltin (Lm650), ekwivalenti ghal elf, hames mija u erbatax-il ewro u disa centezmi (€1,514.09) ghal hsarat ikkawzati. Bl-ispejjes kontra l-attur ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-attur ghall-kontro talba tal-konvenut fejn eccepixxa illi t-talbiet tal-konvenut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont mitlub mhuwiex dovut u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.  Bl-ispejjes kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Sema’ x-xhieda ta’ l-attur Jesmond Micallef.

Sema’ x-xhieda ta’ Darren Galea prodott mill-attur.

Sema’ x-xhieda tal-konvenut Emanuel Mangion.

Sema’ x-xhieda tal-Perit Anton Zammit prodott mill-konvenut.

Sema’ x-xhieda ta’ Mark Camilleri prodott mill-konvenut.

Sema’ t-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi permezz tal-kawza odjerna l-attur qieghed jitlob minghand il-konvenut, il-hlas ta’ somma bilancjali ghal xoghol ta’ kostruzzjoni ezegwit minnu u mill-lavranti tieghu fuq talba tal-konvenut stess, fil-fond ‘ChrisBrend’, Triq il-Konvoj ta’ Santa Marija, Kalkara, proprjeta’ tal-konvenut.

Illi t-Tribunal josserva li l-partijiet qedin jaqblu li l-attur kellu jezegwixxi diversi xogholijiet ta’ kostruzzjoni u alterazzjonijiet strutturali, u li alavolja kien ghamel hafna mix-xoghol, ma kienx lahaq ghamel zewg affarijiet specifici peress illi l-*enforcement officers* tal-MEPA kienu waqfu x-xogholijiet milli jitkomplew. Dawn iz-zewg bicciet xoghol kienu jikkonsistu fl-ewwel lok fil-bini ta’ hajt li kellu jinbena mdawwar il-lift, u fit-tieni lok kellha tinfetah toqba fis-saqaf fejn kellu jibqa tiela l-lift.

Illi skond l-attur il-partijiet kienu ftehmu li ghax-xoghol kollu li l-attur kellu jezegwixxi, huwa kellu jithallas is-somma komplessiva ta’ hamest elef u seba mitt lira Maltin (Lm5,700). Skond l-attur pero, l-konvenut ma kienx ghadu hallsu s-somma bilancjali ta’ Lm1,150 kif mitlub fl-Avviz.

Illi t-Tribunal josserva li l-attur stess jammetti li l-ammont mitlub fl-Avviz odjern u cioe, l-ammont ta’ Lm1,150 jinkludi l-prezz tax-xoghol li ma kienx lahaq gie ezegwit. Skond l-attur dan ix-xoghol kien jiswa madwar mija u hamsin lira Maltin (Lm150). L-istess attur iddikjara fix-xhieda tieghu li m’huwiex qieghed jippretendi li jithallas tax-xoghol li ma kienx sar, u ghalhekk huwa car li mill-ammont mitlub zgur li jrid jitnaqqas il-valur tax-xoghol li ma lahaqx sar.

Illi filwaqt li l-attur jaghti valur ta' Lm150 ghal dan ix-xoghol, il-konvenut gab stima tal-perit tieghu, fejn dan jghid li l-valur tax-xoghol li ma lahaqx sar kif ukoll id-danni li allegatament saru fil-fond tal-konvenut flimkien jammontaw ghal LM1200.

It-Tribunal josserva pero li mkien fir-rapport tal-Perit jew fix-xhieda tieghu ma johrog car kemm effettivament huwa l-valur tax-xoghol li ma sarx, u ghalhekk ma jistax jinghad jekk hemm qbil jew le ma dak li qieghed jikkalkola l-attur. Kien ikun siewi li kieku l-perit (jew fir-rapport tieghu, jew almenu waqt li kien qieghed jixhed) ta valur separat ghad-danni li allegatament saru, u valur separat ghax-xogholijiet li ma lahqux saru. Fin-nuqqas ta' dan, it-Tribunal ser jistrieh fuq dak li xehed u spjega l-attur, u cioe ser jaccetta li l-valur tax-xoghol li ma lahaqx sar kien dak ta' Lm150, u li ghalhekk dan l-ammont ghandu jigi mnaqqas mill-ammont mitlub.

Illi dan kieku jwassal lit-Tribunal biex jiddikjara li l-attur ghandu jircievi l-ammont ta' Lm1,000 minghand il-konvenut bhala l-bilanc dovut lilu ghax-xoghol li huwa ezegwixxa ghall-konvenut. Dan ma jistax isir qabel it-Tribunal jiddeciedi dwar il-kwistjoni tad-danni li allegatament sofra l-konvenut waqt li kien qieghed isir ix-xoghol mill-attur, liema talba ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni saret permezz tal-kontro talba tal-konvenut.

Illi skond il-konvenut fil-kontro talba tieghu, huwa m'ghandu jaghti xejn lill-attur peress li fl-ewwel lok, l-attur ma kkompletax ix-xohgol minnu rikjest, u peress illi waqt li l-attur kien qieghed jezegwixxi x-xogholijiet, huwa kkawza diversi danni fil-proprjeta' tal-konvenut, liema valur tad-danni jammonta ghal Lm650.

Illi fl-ewwel lok, gie ppruvat minghajr dubbju li l-attur ma setax jikkompleta x-xogholijiet li kellu jaghmel ghaliex kien gie mwaqqaf milli jaghmel hekk mill-*enforcement officers* tal-MEPA. Dan kien purament tort tal-konvenut li ma kellux il-permessi kif suppost. Ghalhekk l-istess konvenut bl-ebda mod ma jista' jitfa' t-tort ta' dan fuq l-attur.

Illi mbaghad, alavolja fil-kontro talba tieghu, l-konvenut isemmi c-cifra ta’ Lm650 bhala l-valur tad-danni minnu sofferti, dan l-ammont effettivament ma jirrizulta min imkien. Kif diga’ nghad, il-konvenut gab stima ta’ perit fejn gew elenkati diversi hsarat, u fejn fl-ahhar inghatat stima ta’ Lm1200 kemm ghad-danni sofferti kif ukoll ghall-valur tax-xogholijiet li ma lahqux saru.

Ghalhekk it-Tribunal ghandu s-segwenti osservazzjonijiet x’jaghmel dwar din it-talba ghad-danni.

Fl-ewwel lok, jidher li dawn id-danni qatt ma ssemmew mill-konvenut sakemm bdiet il-kawza odjerna. Fil-fatt issemmew ghall-ewwel darba fil-kontro talba tal-konvenut. Dan huwa fatt ferm stramb ghaliex wiehed kien jippretendi li jekk verament l-attur ikkaguna xi hsarat, il-konvenut kien jilmenta dwar dan mieghu, u mhux jistenna li ssir kawza kontra tieghu biex isemmihom. Ma ngabet l-ebda prova da parti tal-konvenut li turi li huwa kien agixxa b’xi mod fir-rigward tad-danni minnu reklamati, u ma jidhirx li l-konvenut interpella lill-attur biex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tal-istess.

Ta’ min isemmi wkoll li alavolja hemm stima tad-danni li suppost irrizultaw fil-fond tal-attur, ma ngabet l-ebda prova konkreta li dawn sehhew tort tal-attur. Il-konvenut ma jistax jippretendi li ghax sempliciment igib stima ta’ danni, b’daqshekk ikun rnexxilu jipprova li dawn id-danni saru mill-attur.

Oltre dan, il-Perit fix-xhieda tieghu ma jitfa’ l-ebda dawl fuq kif graw dawn id-danni u tort ta’ min. Huwa lanqas biss hass il-bzonn li jaghti valur separat ghal kull haga elenkata taht danni fir-rapport tieghu. Minghajr ma ghamel distinzjoni bejn il-valur tad-danni u l-valur tax-xogholijiet li ma sarux, huwa qabad u tefa kollox taht keffa wahda u hareg valur globali ta’ Lm1,200.

Il-konvenut xehed illi l-perit ghamel stima tad-danni fl-ammont ta’ Lm650 u stima tax-xogholijiet li ma sarux fl-ammont ta’ Lm500, izda dan ma jirrizulta minn imkien fir-

rapport tal-perit u inqas u inqas mix-xhieda moghtija minnu.

Illi dan kollu jwassal lit-Tribunal biex jissusspetta li l-konvenut xtaq jasal biex jitlob ammont ugwali ghal dak li kien qieghed jitlob l-attur, biex b'hekk ma jkollu jaghti xejn lill-attur.

Illi in vista ta' dan kollu, t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut ma rnexxilux jipprova dak li qieghed jitlob fil-kontro talba tieghu, u ghalhekk tali talba ma tistax tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi:-

Fl-ewwel lok filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa t-talba attrici limitatament fl-ammont ta' €2329.37, ekwivalenti ghal Lm1000, bl-imghax kif mitlub fl-Avviz;

Fit-tieni lok jichad it-talba tal-konvenut kif kontenuta fil-kontro talba tieghu u jilqa l-eccezzjoni tal-attur ghall-kontro talba tal-konvenut.

L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica W. Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------